# ĊIRKULARI

**Data:** **27 ta' Novembru 2020** **Ref: DDLTS 48/2020**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Minn:** **Direttur għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**

**Suġġett:** **Taħriġ Professjonali b'kollaborazzjoni mal-Microsoft**

---

Id-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u l-Ħiliet Trasversali flimkien mal-Istitut għall-Edukazzjoni u Microsoft qed jorganizzaw Internship għall-għalliema.

Dan l-iżvilupp professjonali iħarreġ lill-għalliema kif jużaw it-teknoloġija. Huwa maħsub ukoll biex jgħin lill-għalliema biex iħejju lill-istudenti għall-post tax-xogħol fil-ġejjieni. Uħud mis-sessjonijiet huma ddedikati biex jifhmu aħjar il-valur tal-kompetenzi tas-seklu 21 (kreattività, kollaborazzjoni, ħsieb kritiku, eċċ). Sessjonijiet oħra se jkunu ddedikati għall-użu tat-teknoloġija li jinkludu fost oħrajn l-għodod tal-Office 365, Flipgrid, Micro:bit u Minecraft.

Il-kors se jkun fil-parti kbira tiegħu onlajn, bejn l-16:00 u 18:00. Se ssir sessjoni introduttorja nhar l-Erbgħa 2 ta' Diċembru 2020. Il-programm ta' żvilupp professjonali flimkien mal-ħin jinstab mehmuż ma' din iċ-ċirkolari.

L-applikazzjoni hija onlajn permez tal-ħolqa:
http://bit.do/msinternship2020

Id-data tal-għeluq tal-applikazzjoni hija **9 ta' Diċembru 2020**.

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**